

Dan id-drone huwa inġenju tal-ajru. Japplikaw il-liġijiet tal-avjazzjoni.

Bħala bdot tad-drone, għandek responsabbiltà li ttajjar id-drone tiegħek b'mod sikur.

Qabel it-titjir

- kun ċert li sid id-drone huwa reġistrat mal-awtorità nazzjonali ta' pajjiżu (sakemm mhux diġà reġistrat)
- kun ċert li n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħek jinsab fuq id-drone u li ttella' fis-sistema ta' identifikazzjoni remota
- aqra u segwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur
- temm it-taħriġ obligatorju online u għaddi mit-test
- temm taħriġ tal-awtoprattika u għaddi minn test tat-teorija approvat minn entità rikonoxxuta mill-awtorità nazzjonali ta' pajjiżek



Informa ruħek dwar kif tirreġistra u titħarreġ, u dwar fejn tista' ttajjar id-drone:

www.easa.europa.eu/drones/NAA

!
Ksur tar-regoli
jwassal għal
impożizzjoni ta'
pieni skont il-liġi.

MODALITÀ TA' VELOĊITÀ BAXXA

LI GĦANDEK TAGĦMEL



Kun ċert li inti assigurat b'mod xieraq



Kun af liema żoni ma jippermettux titjir (no-fly zones) u jekk hemmx limitazzjonijiet fiż-żona fejn tixtieq ittajjar id-drone



Żomm għajnejk fuq id-drone il-ħin kollu



Żomm distanza sikura bejn id-drone u n-nies, l-animali jew inġenji tal-ajru oħrajn



Meta ttajjar id-drone qrib in-nies, attiva l-modalità ta' veloċità baxxa u żomm distanza orizzontali ta' mhux inqas minn 5 metri minnhom, jew inkella ta' 30 metru



Għandek tgħarraf lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ta' pajjiżek jekk id-drone tiegħek jiġi involut f'aċċident li jirriżulta f'korriment serju jew fatali li jinvolvi persuna, jew li jaffettwa inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ



Ħaddem id-drone tiegħek fl-limiti definiti fl-istruzzjonijiet tal-manifattur

LI M'GĦANDEKX TAGĦMEL



Ittajjarx id-drone f'għoli aktar minn 120 metru mill-art



Ittajjarx id-drone biswit inġenji tal-ajru u viċin ajruporti, helipads jew f'postijiet fejn ikun qed iseħħ rispons ta' emerġenza



Irrispetta l-privatezza ta' persuni oħra.



Tagħmilx reġistrazzjonijiet mhux intenzjonati, u tippublikax ritratti, filmati jew reġistrazzjonijiet awdjo ta' persuni mingħajr il-permess tagħhom



Tużax id-drone biex iġġorr oġġetti perikolużi jew biex twassal xi materjal



Tagħmilx modifiki fuq id-drone tiegħek. Mhux permess jintuża software li mhux rakkomandat mill-manifattur